MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Numru. 410/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs**

**Joseph Mizzi bin Lawrence u Mary nee Gauci mwieled il-Pieta` fid-19/10/1978 u joqghod 20, Flat 2, Triq Wenzu Dyer, Birgu. ID495678(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fit-18 ta' Jannar, 2012, ghal habta ta' 07.50hrs fi Triq id-Dahla ta' San Tumas, M'Scala waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KAB516:

1. B'nuqqas ta' hsieb u traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq

il-persuna ta’ Adrian Spiteri skond ma ccertifika Dr. Carlo Refalo M.D. (reg no 3235) mill-Isptar Mater Dei.

2. Saq l-istess vettura b’manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi.

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddispjacieh tal-akkadut.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 225, 226(1)(a), 218(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta’ elf euro (€1,000) liema multa tista’ tithallas fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Finalment il-Qorti tordna kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tal-kawza jintbghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------